# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 159/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Anton Vassallo**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fit-23 ta' Settembru, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 495978(M)

**U**

**-Omissis-**

Illum, 30 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Anton Vassallo u *omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Lill Anton Vassallo wahdu :

Talli nhar it-2 ta' April 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

(1) zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar u cioe’ pistola bin-numru ta’ serje B 01441 minghajr licenza taht l-Att dwar l-Armi;

(2) u aktar talli hadem fil-kummerc jew negozju ta’ negozjant minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija u/jew biegh jew xort’ohra innegozja, nehha jew ittrasferixxa taht xi titolu li jkun xi arma regolari jew munizzjon jew zamm jew espona ghall-bejgh jew xort’ohra xi arma regolari jew munizzjon lil xi persuna li ma ghandhiex licenza tal-Kummissarju ghal dik l-arma regolari jew munizzjon, minghajr licenza jew permess tal-Kummissarju;

(3) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi naqas milli javza minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-akkwist jew malli giet f’idejh arma tan-nar u cioe’ pistola bin-numru ta’ serje B 01441;

(4) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi naqas milli jzomm arma tan-nar u cioe’ pistola b in-numru ta’ serje B 01441 fil-kustodja tieghu b’tali mod li din setghet giet f’idejn haddiehor;

(5) u aktar talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b’qerq jew akkwqistati b’reat u cioe’ pistola bin-numru ta’ serje B 01441 jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

(6) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta’ oggetti li m’humiex tal-kundizzjoni tieghu u cioe’ pistola bin-numru ta’ serje B 01441 u baraklava minghajr ma ta kont sodisfacjenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f’dak iz-zmien;

(7) talli b’hekk ghamel delitt waqt perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tliet snin moghtija lilu mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta’ Jannar 2013 u Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ ghal perjodu ta’ sena moghtija lilu mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, Imhallef David Scicluna nhar is-26 ta’ Marzu 2014 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru.

Lil *omissis* wahdu :

talli nhar it-02 ta' April 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer,

(1) Bil-hsieb li jaghmel delitt taht l-Att dwar l-Armi wera dan il-hsieb b'atti estemi u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

(2) U aktar talli assocja ruhu ma' xi persunajew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmel delitt taht l-Att dwar l-Armi liema delitt hemm ghalih il-piena ta' prigunerija, u li ma huwiex delitt taht l-Att dwar l-Istampa,

(3) U aktar talli rrenda ruhu recediv a tenur ta' l-artikoli 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mill-Qorti Kriminali; liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41, 48A, 49, 50, 287, 334(b) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5(1), 14, 19, 20, 41 u 47(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, u rat l-ammissjoni taz-zewg akkuzati ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom, ikkundannat lill-imputat Anton Vassallo ghal dsatax-il (19) xahar prigunerija u dan wara li hadet in konsiderazzjoni s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta deciza fl-10 ta' Ottubru 2012, u riformata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Marzu 2014 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Marzu 2014, tal-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta datata 6 ta' Lulju 2011, u riformata fid-9 ta' Jannar 2013, mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ikkundannat lill-imputat *Omissis* ghal xahar (1) prigunerija wara li hadet in konsiderazzjoni l-aggravju tar-recediva.

Rat ir-rikors tal-appellant Anton Vassallo minnu pprezentat fil-15 ta' April, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-4 ta' April 2014, u, b'applikazzjoni tal-artikoli 17 u 21 tal-Kodici Kriminali, u tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tvarja l-piena inflitta ta' dsatax-il xahar prignuerija u minflok tikkundannah ghal piena taht l-istess Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u sussidjarjament, tnaqqas il-piena ta' dsatax-il xahar prigunerija ghal wahda li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat l-aggravji tal-appellant Anton Vassallo u cioe':-

L-aggravju tal-appellant huwa biss ghall-finijiet ta' piena.

L-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti hija obbligata sabiex fis-sentenza taghha tirregistra l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-finijiet ta' piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jammontawx biss ghal gabra tal-fehmiet tal-partijiet u wisq anqas ghall-elenkar tad-disposizzjonijiet tal-ligi. Il-konsiderazzjoni li ghandha tipproduci l-Ewwel Qorti hija l-fehma tal-istess Qorti wara li tqis mhux biss il-fatti tal-kaz u l-ammissjoni bikrija tal-appellant, izda c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan mhuwiex biss fid-dmir procedurali tal-

Ewwel Qorti izda huwa dritt fundamentali tal-appellant akkuzat sabiex kemm l-istess appellant u s-socjeta' jifhmu u japprezzaw kemm il-kwalita', kif ukoll il-kwantita' tal-piena inflitta, ir-riforma tal-akkuzat, kif ukoll l-ispjegazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti dwar l-izvilupp tal-prassi gudizzjarja.

F'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti, kellha a beneficcju taghha sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-istess appellant, liema sentenzi juru kif il-Qorti tal-Appell Kriminali wriet bwon sens u gustizzja fl-amministrazzjoni tal-piena u dahlet fic-cirkostanzi kollha li jirrigwardjaw l-appellant. Minkejja dan, mhux talli l-istess Qorti tal-Magistrati skartat il-konsiderazzjonijiet ta' zewg sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali izda naqset milli tapplika l-principji taghhom meta giet biex tikkundanna lill-appellant.

F’dan is-sens, fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-aspett riformattiv u r-riforma li attwalment ghamel u ghadu qed jaghmel l-appellant meta infliggiet il-piena. In-nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti tirrizulta kemm fil-kwalita’ tal-piena, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita’. Il-piena inflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta’ gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Dan ukoll fid-dawl ta' dak kollu li jinghad fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Jannar 2013 u dik tas-26 ta' Marzu 2014.

L-appellant illum il-gurnata huwa persuna totalment riformata. Huwa ghandu impjieg fiss go forn u bena familja flimkien mat-tfajla tieghu, li minnha ghandu zewgt itfal, li wiehed minnhom ghandu biss sena u nofs u l-iehor ghandu 6 snin. Certament, sentenza karcerarja mhux biss se twaddab lura l-isforzi kollha li saru s’issa mill-appellant, u minn dawk il-persuni professjonali illi ppruvaw jaghtuh l-ghajnuna u s-support taghhom sabiex huwa jaqbad it-triq it-tajba, izda ser titfa lura familja b'zewgt itfal zghar li jiddependu minn missierhom ghall-ghixien taghhom u ghal saqaf fuq rashom. B'sentenza karcerarja, ir-retribuzzjoni ser timpingi inutilment mhux biss fuq l-appellant izda fuq familja t'erbgha minn nies, tnejn minnhom minuri. Din l-informazzjoni kollha kienet a piena disposizzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li kellha quddiemha. Madankollu, l-Ewwel Qorti tiskarta l-konsiderazzjonijiet kollha li anke l-Qorti tal-Appell tathom il-piz misthoqq.

Fil-fatt, it-trapass taz-zmien mir-reati li taghhom huwa gie misjub hati taht is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet (liema reati msemmija fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta’ Jannar 2013 u tas-26 ta’ Marzu 2014 jirrisalu ghas-snin 2001 u 2003), li certament kellu jservi ta’ attenwant f’dik li hija piena, juri bic-car illi l-appellant ma ghadux fit-triq tal-kriminalita’. Dan ukoll, l-Ewwel Qorti ma haditux in konsiderazzjoni.

Huwa fatt ukoll li r-reati kollha l-ohra (u cioe’ dawk indikati fl-ewwel sal-hames imputazzjoni) li taghhom l-appellant gie misjub hati huma reati ta' natura amministrattiva u li ma jirriflettux piena karcerarja ta’ dsatax-il xahar. Ghal darb'ohra, l-Ewwel Qorti injorat din il-konsiderazzjoni.

Maghdud ma' dan, l-Ewwel Qorti kellha wkoll quddiemha fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-istess appellant, dikjarazzjoni li l-appellant jinsab fit-triq it-tajba kif del resto xehdet il-probation officer Marietta Lanzon, li ilha ssegwi lill-appellant ghal diversi snin, u taf l-isforzi kbar illi ghamel sabiex ibiddel hajtu u ma jibqax jghix fil-vizzju tad-droga u tal-kriminalita' li ticcirkonda l-istess vizzju. Anke f'dawn il-proceduri allura, ikun opportun illi l-istess Marietta Lanzon tigi ngunta bhala xhud u tintalab ukoll thejji Social Enquiry Report qabel ma din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza.

L-appellant umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 25 ta' April 2006, per l-Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli appellant jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' dsatax il-xahar imposta fuqu mill-Ewwel Qorti l-aspett riformattiv ma giex accennat anzi, l-appellant jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu tkun biss kontro produttiva f'dan il-kaz.

L-appellant umilment jissottometti illi dan kollu qed jinghad in vista tal-fatt li llum huwa persuna riformata. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, tenut kont tac-cirkostanzi kollha li hawn fuq inghadu.

Fil-kawza Pulizija vs Carmen Butler, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar 2009, il-Qorti kkristallizzat proprju dan il-principju, u cioe' illi l-Qorti ta' l-Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanzi lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina. L-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-akkuzat kien recidiv, il-Qorti xorta wahda sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' probation.

Fl-istess sentenza, ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta s-Social Inquiry Report ...minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabal it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn lincidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003 u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat, oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali, ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

L-istess qed jinghad f'dan il-kaz. L-appellant diga' ghadda minn ostakli kbar u tbatija serja sabiex biddel hajtu f'dik ta' persuna ahjar: persuna b'familja, xoghol, hieles mill-vizzji tad-droga u tal-kriminalita' li ticcirkonda l-istess vizzju. L-appellant ukoll ghandu jinghata c-cans li jkompli miexi f'din it-triq, specjalment tenut kont li l-imputazzjonijiet sitta u sebgha (dawk li l-aktar jeffettwaw il-kwalita' u l-kwantita' tal-piena inflitta) jirrisalu ghal fatti fl-2001 u fl-2003, meta l-istess appellant kien ghaddej minn zmien imtebba bil-vizzju tad-droga.

L-appellant jissottometti wkoll li din il-Qorti ghandha zzomm kont ukoll tan-natura amministrattiva tal-imputazzjonijiet kollha l-ohra, u li sforz dawn l-imputazzjonijiet, l-appellant inghata piena ta' dsatax-il xahar habs.

Fis-sentenza Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tghallem hekk: Issa ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li m'ghandhiex fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Pulizija vs George Farrugia, fejn l-istess Qorti, wara li rat li l-akkuzat kellu sahansitra 42 faccata fedina penali, b'total ta' 77 kundanna (sitwazzjoni li tmur ferm u ferm lil hinn mis-sitwazzjoni tal-appellant), hija xorta ma qisitx li l-imputat f'dak il-kaz kien f'sitwazzjoni irriversibbli: “fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta.... Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsihu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija”.

Dam kollu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti anke b'applikazzjoni tad-dispost tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn “ghal ragunijiet specjali u ordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fissentenza, taghti dik il-piena izghar li fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad li jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat...”

Huwa vera li in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat. L-iskop tal-piena, pero', kif del resto tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-appellant deciza fis-26 ta' Marzu 2014, (u li tirreferi ghal akkaduti li graw fl-2001) tishaq u tghallem li l-iskop tal-piena huwa li nies li huwma minacca ghas-socjeta' jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni – izda l-iskop ewlieni huwa dak tar-riforma tal-hati.

Fis-26 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat li "l-appellant qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm kemm jista' jkun in linea mar-responsabbilitajiet tieghu. Hija ma tqisx li l-appellant huwa minaccja ghas-socjeta' u ghalhekk is-socjeta' ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna tal-ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu".

Fil-fatt, l-appellant kien u ghadu miexi fit-triq it-tajba. Huwa ma kkommetta ebda reat li jista' jkun ta' allarm jew ta' biza' ghas-socjeta'. Il-ligi tippunixxi r-reati taht l-ewwel sal-hames imputazzjoni anke b'semplici multa in kwantu huma reati ta' natura amministrattiva. Minflok, l-appellant sab ruhu li jrid ipatti ghalihom dsatax-il xahar habs. Hija proprju din is-sitwazzjoni li kellha tevalwa l-Ewwel Qorti u fid-diskrezzjoni taghha, bl-applikazzjoni tal-klemenza diskrezzjonali taghha, u bis-setghat kollha li jtuha l-Kap. 9 u l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, verament taghmel gustizzja u taghti kundanna li tirrispekkja l-ghan ewlieni tal-piena f'kamp kriminali, b'mod partikolari f'cirkostanzi fejn l-evidenza kollha tipponta lejn bniedem li, tajjeb jew hazin, irriforma ruhu u m'ghadux la piz u wisq anqas minaccja fil-konfront tal-proxxmu. Piena karcerarja serja bhal dik inflitta mill-Ewwel Qorti se sservi biss ta' piz fuq is-sistema penitenzjarja, ta' rigress fuq il-karattru u kwalitajiet tal-appellant u ta' tbatija fuq familja ta' erba' min-nies, fosthom zewgt itfal li wiehed minnhom, ta' sena u nofs, ghadu kemm beda jsir jaf lil missieru.

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu li hawn fuq inghad, din il-Qorti ghandha s-setgha, taht l-artikolu 494 tal-Kodici Kriminali, li b'rakkommandazzjoni motivata, titlob il-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex turi klemenza u tahfer il-piena karcerarja tal-appellant fid-dawl tac-cirkostanzi u fattispeci specjali tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-uniku gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti ta' revizjoni huwa marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' dsatax-il xahar prigunerija billi din fil-fehma tal-appellant hija wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu ma humiex ta' natura serja, u punibbli biss bil-piena tal-multa. Inoltre ghalkemm huwa gie misjub hati illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati kiser zewg ordnijiet ta' Probation u ta' Servizz fil-Komunita imposti fuqu b'zewg sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta,

madanakollu huwa jishaq illi huwa bniedem riformat, ghandu impjieg u familja u qieghed ighix hajja stabbli sabiex b'hekk l-inkarcerazzjoni tieghu ser tkun ta' pregudizzju kbir ghalih u ghal familja tieghu.

Illi fuq talba ta'l-appellant il-Qorti ordnat li jithejja *pre-sentencing report* billi l-appellant kien irregistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuzi lilu addebitati. Illi l-Ufficjal tal-Probation tasal ghas-segwenti konkluzjoni fir-rapport taghha:

> **"wiehed ta' min izomm f'mohhu, l-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport; il-bidla li kien hemm matul is-snin f'hajjet l-appellant; kif ukoll il-fatt li dan il-kaz imur lura erba' snin u ma jidhirx li huwa fetah kaz iehor f'dan iz-zmien. Mill-banda l-ohra, wiehed irid ukoll jikkonsidra l-akkuzi li l-appellant kien akkuzat bihom fejn skont l-Kapitolu 480 sub-artikolu 61 id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux japplikaw ghall-ebda reat kontra xi disposizzjoni ta' dan l-Att. Madankollu, f'dan l-istadju tinhass li piena karcerarja taf tkun ta' detriment ghall-appellant. Ghaldaqstant, qed ikun unilment rakkomandat li ghar-rigward tal-akkuza ta' pussess ta' arma, l-appellant jinghata multa. Filwaqt li fejn jidhlu l-akkuzi l-ohra tigi esplorata l-possibilita li Anton Vassallo jinghata sentenza ibbazata fil-komunita."**

Illi fil-fatt mir-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation jidher illi l-appellant kellu trobbija difficli, fejn waqa' vittma tal-vizzju ta' droga minn eta zghira u minn hemmhekk beda ighix il-hajja tal-kriminalita'. Fil-fatt minn daqqa t'ghajn lejn il-fedina penali tieghu pjuttost voluminuza jirrizulta illi l-appellant gie misjub hati diversi drabi mill-qrati taghna ta' diversi reati b'mod ewlieni dak tas-serq aggravat, fejn gie moghti diversi opportunitajiet jirriforma ruhu.

Issa ghalkemm huwa minnu li l-appellant qieghed jaghmel l-almu tieghu biex izomm ruhu 'il boghod mill-vizzju ta' droga u qieghed ighix hajja stabbli, kif inghad, b'impjieg fiss biex b'hekk jipprova irabbi l-familja tieghu, madanakollu din il-Qorti tistqarr minnufih illi tinsab idejha marbuta bil-ligi dwar in-natura tal-piena li tista' tigi erogata fil-konfront tieghu ghall-infrazzjonijiet tal-ligi komessi minnu. Dan ghaliex l-appellant mhux biss gie misjub hati li huwa recediv, izda ukoll sahansitra li kkometta r-reati li dwarhom gie misjub hati fil-perijodu fejn huwa kien qieghed isegwi zewg ordnijiet ibbazati fil-komunita'. Dan ifisser illi din il-Qorti hija

prekluza milli taghti sentenza sospiza fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali[1], kif ukoll li taghti sentenza ohra ibbazata fil-komunita bl-applikazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li abbazi ta' liema ligi huma imsejsa uhud mill-imputazzjonijiet li jipprekludi l-applikazzjoni ta' din il-ligi, kif ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

Illi maghdud dan allura l-Ewwel Qorti, bhal din il-Qorti, kienet marbuta bil-ligi li taghti piena karcerarja billi ma hemm l-ebda piena alternattiva li tista' tigi moghtija fil-konfront tal-appellant tenut kont tal-addebitu tar-recidiva u wkoll tal-ksur tal-Ordnijiet ibbazati fil-komunita bil-kummissjoni tar-reati li dwarhom gie misjub hati. Lanqas il-piena tal-multa ma tista' tigi ikkontemplata ghal dawk ir-reati li jaqghu taht l-Att dwar l-Armi, kif gie suggeriet mil-Ufficjal tal-Probation, billi l-appellant huwa recediv fit-termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u allura l-piena trid necessarjament tizdied bi grad, minn dik tal-multa ghal prigunerija.

Illi l-Ewwel Qorti madanakollu errat meta ittrattat mal-hati ghar-reati li dwarhom huwa kien gie misjub hati permezz ta' zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) wahda li iggib id-data tad-09 ta' Jannar 2013 u ohra tas-26 ta' Marzu 2014 u dan ghaliex dawk is-sanzjonijiet fil-komunita gew moghtija minn qorti differenti u mhux mill-Qorti tal-Magistrati. Dak li kellha taghmel l-Ewwel Qorti kien allura li issegwi id-dettami imfassla fl-artikolu 23(b) tal-Kapitolu 446, haga li naqqset milli taghmel. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni fejn huwa gie ttrattat mill-Qorti tal-Magistrati ghal ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm l-aggravju imqanqal mill-appellant huwa wiehed marbut mal-piena erogata u dan b'mod generali, madanakollu din il-Qorti ma tistax thalli illi jkun hemm non-osservanza tal-ligi senjatament ta' dak dispost fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 446, bl-appellant jircievi piena minn qorti li ma kenitx kompetenti taghmel dan. Dan ifisser allura illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn l-appellant gie misjub hati ta'l-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba

---

[1] Ara artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali

kontra tieghu u tal-addebitu tar-recediva izda tirrevokaha fejn gie misjub hati tas-sebgha imputazzjoni u allura fejn l-Ewwel Qorti itrattat mal-hati ghar-reati li dwarhom hu gie misjub hati bis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-09 ta' Jannar 2013 kif ukoll tas-26 ta' Marzu 2014, tvarja ghalhekk il-piena inflitta u tikundannah ghal piena ta' disgha xhur prigunerija.

Edwina Grima
Imhallef